**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**11 ta’ Novembru 2024**

**Rikors Numru 7/2023**

**Shaw Pisani**

**Vs**

**Awtorita` Għat-Trasport f’Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Shaw Pisani** fil-31 ta’ Jannar 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

*Illi r-rikorrenti rċieva avviż maħrug mill- Awtorita għat-Trasport f’Malta (l-“Awtorita”) datat għaxra (10) ta’ Jannar 2023 fejn ġie avżat li kienu ser jiġu imposti elf u ħamsin (1,050) punti ta’ penali ai termini tal-leġislazzjoni sussidjara 65.15, ‘Regolamenti Dwar Testisijet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba Għat-Triq’ (vide Dok A);*

*Illi l-Awtorita fl-istess avviż indikat li tali punti ta’ penali qedgħin jiġu imposti minħabba l-fatt li allagatament li l-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni LAA-172 ma kellhix tgħaddi bit-test tal-VRT li għamel ir-rikorrenti fil-kapaċita tiegħu bħala tester fil-garaxx magħruf bħala Techno Garage fil-Mosta (“Techno Garage”);*

*Illi r-rikorrenti jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorita  u ghalhekk qiegħed jinterponi dan l-appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal ai termini tal-artikolu 22 tal-liġi sussidjarja 65.15;*

A. ***Fatti tal-Każ***

*Illi l-fatti tal-każ fil-qosor huma s-segwenti:*

1. *Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena 2022 ir-rikorrenti eżegwixxa test fil-kapaċita tiegħu ta' tester f' Techno Garage fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA-172;*

2. *Illi r-rikorrenti ma sab ebda irregolaritajiet fil-vettura u dan kif jirriżulta mir-riżultat li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok B, u kif ser jiġi ppruvat f'dawn il-proċeduri;*

3. *Illi fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena 2023 l-uffiċjali tal-Awtorita marru għand Techno Garage sabiex jiġbru kopja tar-riżultat;*

4. *Illi din l-investigazzjoni nbdiet wara rapport li sar minn kompetitur dirett ta' Techno Garage Patrick Xerri, rappreżentant ta' CP VRT Statio,. Fir-rapport li sar, is-sur Xerri, allega li r-rikorrenti rċieva xi flus sabiex jgħaddi lill-vettura in kwistjoni. Din l-allegazzjoni qiedgħa tiġi kategorikament miċħuda mir-rikorrenti;*

5. *Illi jirriżulta li sid il-vettura in kwistjoni kellu xi problemi bil-magna tal-vettura xi jiem wara li għamel it-test tal-VRT u għalhekk huwa kien żarma xi partijiet mill-vettura sabiex jkun jista' jużhom għall-ispare parts;*

6. *Illi l-Awtorita spezzjonat il-vettura wara li sid il-vettura kien fil-fatt żarma partijiet mill-magna tal-vettura;*

7. *Illi fl-għaxra (10) ta' Jannar l-Awtorita bgħatet avviż lir-rikorrenti li ġie avżat li kienu ser jiġu imposti elf u ħamsin (1,050) punti ta' penali ai termini tal-leġislazzjoni sussidjara 65.15, 'Regolamenti Dwar Testisijet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba Għat-Triq';*

B. ***L-Aggravji***

8. *Illi l-aggravji tar-rikorrenti huma s-segwenti:*

9. *Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li mit-test li għamel ir-rikorrenti ma rriżultaw ebda rregolaritajiet jew difetti. Ir-rikorrenti segwa l-proċeduri kollha, inkluż li jittestja l-istering tal-vettura, u ma sab ebda irregolarita jew difett, għal kuntarju, sab li l-vettura kienet tista' tinstaq fit-triq;*

   *Illi għalhekk ma jirriżultax li ħareg riżultat pożittiv meta dan kellu jinħareg riżultat li juri t-test falla, kif provdut f'partita dsatax (19) u tlieta u disgħin (93) tat-tnax-il Skeda (Regolament 21) tal-liġi sussidjarja 65.15.*

10. *Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li meta spezzjonat il-vettura l-Awtorita kienu għaddew tnax (12)-il ġurnata minn meta kien sar it-test tal-VRT u għalhekk l-Awtorita ma kienetx f'pożżiżżjoni li tiddetermina l-istat tal-vettura fil-ġurnata li sar it-test mir-rikorrenti. Kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża sid il-vettura kien fil-fatt żarma partijiet mill-vettura inkluż il-magna u l-Awtorita talbitu jerġa jarma l-magna sabiex jkunu jistgħu jisspezjonaw il-vettura.*

11. *Illi it-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-persuna li għamlet ir-rapport m'hijiex kreddibli u dan peress li dan jirrapreżenta entita li hija kompetitur dirett ta' Techno Garage. Fil-fatt, dan is-sur Xerri kemm il-darba wera x-xewqa li jixtri t-Techno Garage iżda s-sidien ma ridux ibegħu u għalhekk qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jisfrutta l-operat u jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tat-Techno Garage;*

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-aggravji suesposti u kif ukoll għandu jirriżulta matul dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti filwaqt li jagħmel referenza għall-provi prodotti u jirriżerva li jġib kull prova oħra skond il-liġi, jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidirlu meħtieġa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, jħassar u jirrevoka d-deċizjoni tal- Awtorita għat-Trasport f'Malta tal-għaxra (10) ta' Jannar 2023 fil-konfront tar-rikorrenti.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** ppreżentata fis-6 ta' Frar 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Preliminarjament mar-rikors tal-appell kellha tiġi prżentta Lista ta' Xhieda; l-Awtorita' tesprimi l-fehma illi dan in-nuqqas huwa wieħed sanabbli u ma jikkomminax in-nullita' tal-appell interpost.*

2. *Illi l-appell interpost mill-appellant Shaw Pisani ghandu jiġi miċħud bl-ispejjez kontra tieghu stante d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lill-appellant permezz tal-ittra taghha datata 10 ta' Jannar, 2023 hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi ghar-ragunijiet ben imfissra fl-imsemmija ittra u kif se jirriulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell tramite l-provi kemm dokumentarji u kif ukoll xhieda orali illi se jigu prodotti, u ghalhekk ghandha tigi konfermata u r-rikors prezentat mir-rikorrent appellant ghandu jigi michud ghar-ragunijiet li se jigu hawn imtennija.*

3. *Illi ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra tieghu.*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 10 ta' Jannar 2023 li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:

*Re: <u>Breach of VRT Tester conditions re: vehicle Reg No: LAA172</u>*

*Reference is made to the fact that, in the course of an inspection carried out on the 3rd January, 2023 at LME Techno Garage VRT Station in Mosta by Transport Malta Technical Officers Charles Debono and Shawn Aquilina (following a visual inspection which was conducted by the same officers a day earlier, on the 2nd January,2023), it resulted that a Passed Test Result was issued for vehicle with Registration Number LAA172 when in reality a failed result should have been issued since the vehicle had excessive loose in its steering mechanism.*

*In fact, when questioned by Mr. Debono on this matter, you gave no valid justification for your action.*

*It is to be underlined that the attention of the Authority to the issuance of a Passed Test Result for this vehicle was drawn by another VRT Station Operator, after the owner of the said vehicle had pre-conditioned the holding of a VRT Test at the said station to the issuance of passed test result irrespective of the findings, and when the said Operator/Tested refused to play ball as this would clearly constitute a violation of the provisions of S.L. 65.15, the owner of the said vehicle proceeded to illegally obtain a passed test result from you and a few minutes later passed by the other Operator to tell him that the vehicle passed the test without any problem and that "bil-flus taghmel kollox".*

*Consequently, this Notice in Writing is being issued in terms of Regulation 21(2) of S.L. 65.15.*

*Your actions qua TESTER are in breach of the provisions of paras: (a) and/or (b) and/or (d) of Regulation 14(2) of S.L. 65.15, as well as in violation of Regulation 19(1) od S.L. 65.15 and the following Entries 19 and 93 of the Twelfth Schedule of S.L. 65.15-:*

*19 Overlooking a fault in, or failing to test for, steering other than torn bellows 50*

*93 Issued a pass result either without conducting a complete test or where a fail*

*result should have been issue 1,000*

*Consequently, the sanctions established in Regulation 21 of S.L. 65.15 are applicable in this case and hence* ***1,050 penalty points*** *are being imposed against you in terms of the Twelfth Schedule to S.L. 65.15 as per above.*

*In view of the fact a global number in excess of 150 penalty points are being endorsed on your name, your name is being removed with immediate effect from the Registry of Testers for a period of one year and this in terms of Regulation 24(2) of S.L. 65.15.*

*Furthermore, the Authority draws your attention to the fact that should it result that you have received a payment 2 for which you were not entitled in order to issue a passed test result for the said vehicle, this will amount to a criminal offence and upon conviction, your name will be removed from the Register of Testers for a period of 10 years in accordance with the provisions of Regulation 25 of S.L. 65.15.*

*Finally, the Authority draws your attention to your right to appeal this decision in terms of Regulation 22 of S.L. 65.15.*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa reġistrat bħala *tester* ta' VRT Station. Spjega li fit-22 ta' Diċembru 2021 kien mar jagħmel it-test ċertu Jonathan Cini b'van tal-għamla Suzuki bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA 172. Huwa għamel it-test billi l-ewwel dar mal-vettura minn ġewwa u minn barra, ra li d-dwal jaħdmu sew, għamel it-test tal-brejkijiet, ra l-magna, qabbad il-magna tal-*emission* gos-silencer u xegħel is-*sould lever meter.* Huwa ċċekkja wkoll is-*suspension,* l-i*steering* u t-*tyres* u wara li ra li kollox kien sew ħareġ iċ-ċertifikat tal-VRT.

Spjega li fit-3 ta' Jannar 2023 kienu maru xi uffiċjali tal-Awtorita` u talbuh it-test tal-vettura in kwistjoni. Huma qalulu li l-vettura mhux suppost għaddiet mit-test għax kellha l-laxk fl-*isteering*. Huwa qalilhom li hu ma kienx jaf x'ġara mill-van wara li ħareġ mill-i*station* tiegħu.

Sussegwentement huwa rċieva d-deċiżjoni appellata. Huwa jsostni li din hija biss frott ta' pika li hemm minn kompetitur tiegħu li għandu l-garaxx ftit metri 'l bogħod mill-garaxx fejn jaħdem hu.

In kontro-eżami xehed illi l-flokk li kien qed jgħatti s-*seat* ma kienx neħħieh għaliex huma ma għandhomx dritt iżarmaw ebda biċċa tal-vettura. Huwa spjega li jekk l-istruttura tas-*seat* tkun tajba m'għandux għalfejn iwaħħlu. Fir-rigward tal-*handbrake* xehed illi dan kien jorbot tajjeb meta għamel it-test. Fir-rigward tal-laxk fl-i*steering* huwa spjega li minn meta sar it-test sa meta saret l-ispezzjoni setgħu ġraw ħafna affarijiet li bihom tinkiser il-boxxla.

**Jonathan Cini**, sid il-vettura in kwistjoni, spjega li fit-22 ta' Diċembru 2022 kien mar biex jagħmel VRT għand CP VRT Station peress li Patrick, is-sid, kien ħabib ta' missieru u kien iltaqa' miegħu riċentement. Spjega li Patrick dar dawra mal-van u qallu li peress li kien van antik ma setax jagħmillu l-VRT għax ma jagħmilx VRT fuq vetturi antiki. Għalhekk kien idderiġieh biex imur għand it-Techno Garage u kien qallu biex jgħidlu kif baqa' biex fil-każ jibagħtu ghand xi ħadd ieħor.

Għalhekk mar fl-i*station* tar-rikorrent u sar it-test li kien wieħed pożittiv. Għalhekk reġa' għadda minn quddiem Patrick u qallu li kollox kien sew. Huwa ċaħad li lil Patrick qallu "bil-flus tagħmel kollox".

Kompla jgħid li xi ftit wara l-Milied il-van waqaf għax kellu problemi fil-magna, preċiżament fis-*cylinder head.* Huwa stqarr li stante li ma kienx *worth it* issewwih, ra *x'parts* seta' jieħu għal van ieħor li kellu u ddeċieda li jiggaraxxjah. Spjega li pero` meta missieru mar bil-pjanċi pero` ma ġewx aċċettati għax riedu jagħmlu spezzjoni.

Meta saret l-ispezzjoni, huwa qal lill-uffiċjali tal-Awtorita` li kienu armaw quddiem ta' malajr peress li kienu diġa' laħqu żarmawh.

In kontro-eżami xehed illi s-*seats* ta' quddiem kellhom *cover* pero` s-*seat* tax-xufier kien libbsu biċċa drapp peress li l-iżjed li jintuża. Huwa nnega li lil Patrick kien qallu li kellu l-*handbrake* jorbot fuq jew li kellu l-laxk fl-i*steering*. Spjega li wara l-VRT saqu ftit imma taritlu l-*gasket* tas-*cylinder head* għax kienet imwassla.

**Charles Debono**, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi qabel ma beda jaħdem mal-Awtorita` intimata huwa kien jaħdem bħala mekkaniku u wkoll *tester* tal-VRT. Spjega li fit-23 ta' Diċembru 2022 l-Awtorita` daħlilha rapport li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA 172 Suzuki Super Carry kienet għaddiet mill-VRT meta suppost kellha teħel.[1] Għalhekk l-Awtorita` bagħtet għal sid l-imsemmija

[1] Dokument CDX1 a fol. 48

vettura biex jispezzjonawha. Spjega li missier sid il-vettura beda jgħidilhom li ma setgħux jarawha għax kienet żarmata u kien mar bil-pjanċi l-Awtorita` biex jiggaraxxjaha, pero` l-Awtorita` ma aċċettatx li jiggaraxxjaha. Sussegwentement, fit-2 ta' Jannar 2023 ix-xhud, flimkien ma' kollegi oħra tiegħu, mar jara l-vettura fil-garaxx tas-sid. F'din l-ispezzjoni sab li l-*handbrake* kien jitla' sa fuq nett, kien hemm is-*seat* imqatta' u ammont ta' laxk fil-mekkaniżmu tal-*isteering*. Spjega li l-vettura kienet bla batterija u għalhekk ma setax jistartjaha. Huwa kompla jgħid li ħa kemm ritratti u kemm *video* tal-vettura waqt l-ispezzjoni. Ix-xhud spjega li mill-ġurnata tat-test sal-ġurnata tal-ispezzjoni, l-van kien għamel 169 kilometru u għalhekk fl-opinjoni tiegħu il-ħsara li kien hemm ma setgħetx żviluppat f'dan l-intervall.

In kontro-eżami wieġeb illi l-van ma kellux *parts* reltati mal-magna neqsin. Spjega li l-laxk tal-i*steering* induna bih fuq għajnejh u ma uża ebda apparat biex ikejjlu. Kompla jispjega li malli s-sid irċieva l-ittra biex imur għall-ispezzjoni, pprova jiggaraxxja l-van.

**Vince Micallef Pule`**, Direttur fir-Road Transport Licensing Unit tal-Land Tranport Directorate tal-Awtorita` intimata, xehed illi fit-23 ta' Diċembru 2022 ġie nfurmat minn Charles Debono li kien irċieva l-emejl imsemmija iktar 'il fuq. Għalhekk hu ordna li ssir investigazzjoni. Sadattant ġie nfurmat li l-vettura in kwisjoni kienet se tiġi ggaraxxjata u għalhekk waqqaf il-proċess sakemm issir l-ispezzjoni. Wara li saret l-ispezzjoni, l-uffiċjali involuti ppreżentawlu rapport bil-miktub[2] fejn ġew konfermati l-ħsarat li kienu ġew indikati fl-emejl mibgħuta mit-terz.

**Ikkunsidra:**

Illi l-aggravji prinċipali tar-rikorrenti huma s-segwenti, u ċioe`:

1. Illi t-test li għamel kien wieħed regolari
2. Illi l-ispezzjoni li saret mill-Uffiċjali tal-Awtorita` intimata saru tnax-il ġurnata wara t-test u għalhekk ma kienx possibbli għall-istess Awtorita` tiddetermina l-istat tal-vettura fid-data li sarilha t-test
3. Illi t-terz li għamel rapport fil-konfront tiegħu ma hux kredibbli peress li hu kompetitur tiegħu

[2] Dokument CDX2 a fol. 49

Illi t-Tribunal se jibda mit-tielet aggravju. Ir-rikorrent jitfa' dubju fuq il-ġenwinita` tar-rapport tat-terz stante li dan huwa kompetitur tiegħu, tant li allegatament ried jixtri l-garaxx fejn jaħdem hu bla suċċess. Għalhekk isostni li dan it-terz għamel rapport sabiex jagħmel il-ħsara lill-garaxx fejn jaħdem.

Illi t-Tribunal josserva illi dan it-terz kien ben magħruf għar-rikorrent tant li fir-rikors promutur semmieh b'ismu. Illi biex isostni t-tielet aggravju tiegħu, l-inqas li seta' jagħmel kien jipproduċieh bħala xhud quddiem dan it-Tribunal biex it-Tribunal ikun jista' jevalwa hu stess dak allegat mill-istess rikorrent. Pero` r-rikorrent m'għamel xejn minn dan kollu u straħ biss fuq allegazzjoni. Kwindi t-tielet aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi l-ewwel u t-tieni aggravju huma intrinsikament marbuta ma' xulxin. Illi mir-ritratti u mill-*video* esebiti mill-Awtorita` intimata huwa ċar illi l-van in kwistjoni kellu difetti li ma jagħmlux vettura idoneja biex tinsaq fit-triq, u dan senjatament għal-laxk fl-i*steering* u d-difett fil-*handbrake*. Illi filwaqt li huwa minnu li s-Sur Debono ma kellux apparat biex ikejjel il-laxk tal-i*steering,* jidher ċar, u mingħajr bzonn ta' ebda apparat speċjalizzat, illi kien hemm laxk konsiderevoli. Fir-rigward tad-difett tal-*handbrake*, fil-fehma tat-Tribunal dan ukoll ġie ppruvat bir-ritratti esebiti mill-Awtorita` intimata fejn jidher li l-*handbrake* qiegħed f'posizzjoni vertikali. Illi filwaqt li r-rikorrent ħareġ ċertifikat ta' *pass*, fil-fehma tat-Tribunal il-*handbrake* ma kienx jorbot kif suppost u dan anke kif xehed is-Sur Debono. Illi la darba r-rikorrent qed jallega li l-*handbrake* kien tajjeb meta ħareġ mill-VRT, ried allura jikkonvinċi lil dan it-Tribunal li fil-perjodu sa meta saret l-ispezzjoni, ġara xi ħaġa li kkawżat id-difett kemm fl-i*steering* u kemm fil-*handbrake.* Illi din il-prova ma saritx. Għall-kuntrarju, is-Sur Cini spjega li l-van baqa' jinstaq normali sakemm ġrat ħsara fil-*gasket* tas-*cylinder head*. Kien proprju għalhekk li l-van ma baqax jinstaq u mhux għax kellu xi problema oħra li setgħet affettwat il-*handbrake* jew l-*steering*.

Illi fir-rigward tat-tiċrit fis-sedil tal-passiġġier it-Tribunal eżamina r-ritratti ppreżentati mill-Awtorita` intimata u jinnota li filwaqt li d-dahar seta' kien forsi mgħotti bi flokk, ma jirriżultax li l-parti fejn wieħed ipoġġi bilqiegħa kienet hekk mgħottija. F'din il-parti jidhru tlett (3) tiċritiet, b'waħda minnhom it-tul kollu tas-sedil. Illi r-rikorrent spjega li hu ma qagħadx ineħħi l-flokk minn mas-sedil. Pero` t-Tribunal iqis li seta' faċilment jara t-tiċrit tal-parti fejn ma kienx hemm il-flokk. Kwindi it-Tribunal iqis li r-rikorrent injora anke dan id-difett.

Illi għaldaqstant, meta wieħed jikkunsidra l-kontenut tal-emejl mibgħuta lill-Awtorita` intimata u d-difetti riskontrati waqt l-ispezzjoni, it-Tribunal iqis illi d-

deċiżjoni meħuda mill-Awtorita` intimata kienet waħda ġusta u skont il-liġi. Illi l-liġi tissanzjona severament dawn l-abbuzi u dan in vista tal-perikolu li jista' jinħoloq fit-toroq jekk vettura, li ma tkunx tajba għat-triq, tinstaq xorta għax jinħarġilha ċertifikat tal-VRT. Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza illi r-rikorrent ilu żmien twil jagħmel testijiet simili, dan ma jfissirx illi f'dan il-każ ma naqasx. Kwindi d-deċiżjoni appellata qiegħda tiġi konfermata.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-ragunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

__________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

_______________

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**